

Brussell, 7 ta' Settembru 2023
(OR. en)

12730/23

FIN 903
INST 323
PE-L 29

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	12408/23
Suġġett:	Trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 11/2023 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2023 – <i>Approvazzjoni</i> – <i>Approvazzjoni ta' ittra</i>

1. Fit-23 ta' Awwissu 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 11/2023, f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament Finanzjarju¹.

L-għan ta' din il-proposta huwa li jiġi ttrasferit l-ammont ta' EUR 3.46 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn mill-Artikolu 30 02 02 (*Approprjazzjonijiet differenzjati*) għall-Artikolu 08 05 01 (*Stabbiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni f'ilmijiet ta' pajjiżi terzi*), kif jidher fid-dokument 12408/23.

¹ Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

2. Dan it-trasferiment għandu l-għan li jkopri:
 - l-obbligi finanzjarji għall-2023 li jirriżultaw mill-iffirmar u l-konklużjoni ta' Protokoll li jimplimenta l-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPA) bejn l-UE u r-Repubblika ta' Madagascar u r-Repubblika ta' Kiribati.
 - qabdiet addizzjonali relatati mas-sena finanzjarja 2023 kif stabbilit fl-SFPA u l-Protokoll rilevanti għall-Gvern tar-Repubblika tas-Seychelles.
3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina din il-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tas-7 ta' Settembru 2023.
4. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:
 - il-proposta għat-trasferiment tal-appropriazzjonijiet, kif tinsab fid-dokument 12408/23; u
 - l-abbozz ta' ittra fl-ANNEX għal din in-nota.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn: Il-President tal-Kunsill

lil: Il-President tal-Parlament Ewropew

kopja: Il-President tal-Kummissjoni

Għażiż/a President,

F'konformità mal-Artikolu 31(6) tar-Regolament Finanzjarju tat-18 ta' Lulju 2018¹, qed ninfurmak li l-Kunsill approva t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 11/2023 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2023.

(Formola ta' għeluq).

¹ Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).